MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.

## DOREEN CLARKE

Seduta tat-12 ta' Mejju, 2014

Numru. 395/2014

**Il-Pulizija**

**(Spettur Frankie Sammut)**

**vs**

**Douglas Bartolo**

**Kumpilazzjoni Nru: 395/2014**

Il-Qorti,

Rat l-akkuzi migjuba kontra Douglas Bartolo, ta’ 39 sena, bin Alfred u Josephine nee’ Abela, imwieled Pieta’ nhar il-05 t’Ottubru, 1974 u residenti gewwa 132 Flt 8, Triq il-Vitorja, Isla u detentur tal-karta ta’ l-identita bin-numru 510274(M).

Alluzat talli:

Nhar it-13 ta’ Novembru 2013 u jew fil-granet ta’ qabel din id-data fi Triq il-Lbic, Birgu kkommetta serq ta’ gojellerija ta’ lewn abjad u jew ta’ lewn isfar liema serq, li sar ghad-detriment ta’ Alfred Fino minn Marsaskala, u/jew persuni ohra, huwa kkwalifikat bil-valur li jammonta ghal aktar minn €2,329.37 imma mhux aktar minn €4,916.36, u bil-persuna u l-lok;

U aktar talli fl-istess perjodu ta’ zmien u cirkostanzi xjentement laqa’ ghandu jew xtara hwejjeg misruqa, mehuda b’qerq, jew akkwistati b’reat sew jekk dan sar f’Malta jew barra minn Malta, jew, xjentement, b’kull mod li jkun indahal sabiex ibieghhom jew imexxihom u cioe’ gojellerija ta’ lewn abjad u jew ta’ lewn isfar liema oggetti gew minn serq ikkwalifikat bil-valur li jammonta ghal aktar minn €2,329.37 imma mhux aktar minn €4,916.36;

U aktar talli fl-istess perjodu ta’ zmien u cirkostanzi, approprja ruhu billi dawwar bi profit ghalih jew ghall-persuna ohra, minn haga ta’ haddiehor li giet fdata lilu jew ikkunsinnata lilu taht titolu illi jgib l-obbligu tar-radd tal-haga jew li jsir uzu specifikat minnha u cioe dan kollu sehh meta hu kien fdat bil-haga minhabba n-natura tax-xoghol tieghu bhala haddiem tal-Kunsill Lokali Birgu.

Rat l-artikoli 261(c)(d)(e), 267, 268, 269, 293 u 334 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat li waqt l-udjenza mizmuma llum minn din il-Qorti bhala Qorti Struttorja l-imputat ammetta l-ewwel imputazzjoni u kkonferma din l-ammissjoni anke wara li l-Qorti tatghu zmien jikkunsidra l-pozizzjoni tieghu.

Rat d-dikjarazzjoni ta'l-ufficjal prosekutur li t-tieni u t-tielet imputazzjonijiet ingiebu bhala alternattiva ghall-ewwel imputazzjoni.

Rat id-dokumenti esebieti.

Semghet it-trattazzjoni dwar il-piena.

Ikkunsidrat

Illi l-imputat ammetta l-ewwel imputazzjoni; din ghalhekk hija sodisfacjentement pruvata.

Illi t-tieni u t-tielet imputazzjoni ngiebu bhala alternattiva ghall-ewwel wahda dwar serq; il-Qorti ghalhekk ser tastjeni milli tiehu konjizzjoni ulterjuri tat-tieni u t-tielet imputazzjonijiet.

Illi dwar il-piena l-Qorti  hadet in konsiderazzjoni n-natura tar-reat li tieghu qed jinstab hati l-imputat u l-fedina penali tieghu;, qed tiehu in konsiderazzjoni ukoll il-fatti partikolari ta' dan il-kaz, l-koperazzjoni

ta'l-imputat mal-pulizija u l-ammissjoni f'l-aktar stadju bikri ta' dawn il-proceduri kif ukoll il-fatt li l-imputat huwa dispost jirrifondi l-valur ta'l-oggetti misruqa.

Ghal dawn il-motivi l-Qorti fil-waqt li tastjeni milli tiehu konjizzjoni ulterjuri tat-tieni u t-tielet imputazzjoni migjuba kontra tieghu, wara li rat l-artikoli 261(c)(d)(e), 267, 268 u 269 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, fuq ammissjoni ssib lill-imputat hati ta'l-ewwel imputazzjoni migjuba kontra tieghu u b'applikazzjoni ta'l-artikolu 22 tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta' Malta tilliberah bil-kundizzjoni li ma jaghmilx reat iehor fi zmien sentejn; in oltre u b'applikazzjoni ta'l-artikolu 24 ta'l-istess Kapitolu 446 qed tordna lill-imputat biex fi zmien sena jhallas lill-parte leza s-somma ta' tlett elef u mitt Euro (€3,100).

Il-Qorti spjegat lill-imputat fi kliem ordinarju l-import ta'din is-sentenza u x'jigri jekk jikkommetti reat iehor fi zmien sena u jekk ma joqghodx ghall-ordnijiet lilu mghotija.

## < Sentenza Finali >

-------------------------------TMIEM--------------------------------